## WIRJA FOLKLORISTIKA MALTIJA

# GĦODDA U STRUMENTI MALTIN

Organizzata mid-Dipartiment tal-Malti

u

l-Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta

Organizzazzjoni: Dr. Ġorġ Mifsud-Chircop

Riċerka: Dr. Ġorġ Mifsud-Chircop u Frans Farrugia

Xogħol tal-Mudelli: Frans Farrugia

IL-BIBLJOTEKA TA' L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

6 ta' Marzu - 25 ta' April, 2003

**Maħruġ mill-Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta, 2003**

**© Ġorġ Mifsud-Chircop u Frans Farrugia, 2003**

# KELMTEJN QABEL

Ilha s-snin tberren f'moħħi x-xewqa li ħabibi Frans Farrugia u jien noħolqu wirja folkloristika li tiswa bħala punt ta' tluq għal min irid jibda jifhem x'potenzjal hemm moħbi jekk xi darba għad irid jinfetaħ l-ewwel mużew folkloristiku ħaj Malti għall-apert. U l-post fl-aħħar instab fil-Bibljoteka ta' l-Università. Għalhekk, fil-wirja tal-lum qed niffokaw fuq l-għodda u l-istrumenti mużikali Maltin. Hdejn il-pajjiżi Skandinavi, il-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Punent u l-Ungerija diġà qegħdin tard ħafna.

Din hi wirja temporanja ta' dokumenti kulturali awtentiċi u kontemporanji, imqar fil-mudelli li nħadmu apposta minn Frans Farrugia, u mhux sempliċement ġabra ta' (mudelli ta') għodda u strumenti. L-għodda u l-istrumenti huma estensjoni tal-bniedem. Mela, mill-oġġett irridu ngħaddu għall-attività tal-bniedem, għar-relazzjonijiet soċjali u kulturali, għall-bniedem stess li joħolqu u/jew li jħaddmu fil-kuntest tiegħu llum. Għalhekk, ma' kull oġġett fil-wirja hawn fil-qosor il-kuntest tiegħu, iżda bil-wisq importanti minn hekk hawn il-laqgħat kulturali diretti li qed isiru għall-istudenti biex bis-saħħa tal-bniedem tas-sengħa stess u bis-saħħa tal-vidjow relevanti nersqu kemm nistgħu lejn ir-realtà tal-ħanut tas-sengħa u l-kuntest tipiku tiegħu.

Grazzi lir-Rettur ta' l-Università, il-Prof. Roger Ellul-Micallef, li għoġbu jiftaħ din il-wirja. Grazzi wkoll lill-Prof. Oliver Friggieri, li appoġġa mill-ewwel din l-inizjattiva. Grazzi lil-librar ewlieni tal-Bibljoteka ta' l-Università, is-Sur Anthony Mangion, li laqa' mill-ewwel is-suġġeriment tiegħi wara d-diskussjoni tagħna fuq l-għotja ġeneruża ta' elfejn lira kotba xjentifiċi fuq ix-xjenza tal-Folklor li stinkajt għaliha sakemm waslet minn żewġ istituzzjonijiet Ġermaniżi. Grazzi lil Frans Farrugia għad-dedikazzjoni eżemplari u ġeneruża tiegħu. U grazzi lilek li ġejt tieħu sehem f'din l-attività kulturali.

Dr Ġorġ Mifsud-Chircop
Id-Dipartiment tal-Malti
Frar, 2003

# IL-BAJJAD

1. **L-GHERIEBEL.** Bħall-għodda tal-bennejja u tal-bajjada, l-għarbiel magħmul mill-injam ta' l-abjad biex ma jixpakkax u jiflaħ għall-piż. Ix-xibka magħmula mill-fildiferru. Għall-kumditá l-għeriebel jinġarru f'xulxin.
   1.1 *L-għarbiel l-oħxon.* Jintuża biex jintgħarbel ix-xaħx u l-ġir għall-iżbuzzar.
   1.2 *L-għarbiel tan-nofs* jew *mezzan.* Jintuża biex jintgħarbel ix-xaħx u l-ġir u anki r-ramel għat-tikħil.
   1.3 *L-għarbiel fin.* Jintuża biex jintgħarbel ix-xaħx u l-ġir meta l-bajjad jiġi għall-fin għax-xogħol tat-tibjid. Kultant jintuża għas-siment.

2. **IL-BRAMEL.** Huma tlieta ta' qisien differenti. Magħmula mill-patalotti taż-żebgħa jew imdawrin mill-pjanċi tal-ħadid. Il-barmil ikun magħmul minn ċirku fuq u ieħor isfel għas-saħħa, il-wejda bħal manku, u l-katina bil-ganċ biex il-barmil jiddendel ma' l-iskaluna tas-sellum.
   2.1 *Il-kbir.* Jintuża l-aktar meta jkun hemm ħafna xogħol u l-bajjad ikun jaqbillu jiffranka l-iskariġġ.
   2.2 u 2.3 *Tan-nofs u ż-żgħir.* Jintużaw għal xi biċċa xogħol żgħira.

3. **IL-KZAZEL.** Magħmula mill-azzar u l-manku mill-injam.
   3.1 *Il-kbira.* Tintuża biex il-bajjad iħawwad it-taħlita tal-ġir u tal-kulur fil-barmil u għat-tikħil.
   3.2 *Iż-żgħira.* Tintuża għall-istukkjar tal-fili fil-lavur u fit-turġien.

4. IL-FLAWTIJIET. L-għodda tal-kisi.

4.1 *Ta' l-injam.*

4.1.1 *Il-kbir.* Għall-kisi fil-kobor.

4.1.2 *Iż-żgħir.* Għall-kisi fiċ-ċokon, bħal xi ħajt żgħir f'xi bitħa interna jew għal barra.

4.2 *Il-moderni.* Hawn ħafna qisien skond ix-xogħol li jkun. Magħmulin mill-azzar.

5. IL-PALETTI. Fuqhom jinżamm it-tajn għat-tikħil waqt li l-bajjad ikun għaddej bil-lant tax-xogħol.

5.1 *Il-kbira.* Għax-xogħol fit-tul.

5.2 *Iż-żgħira.* Għal biċċa xogħol żgħira.

6. IL-PNIEZEL. Magħmulin mill-injam tal-fraxxnu, bix-xagħar tal-ħaxixa marbut bil-wajer tar-ram.

7. L-IXKUPI TAL-ĠUMMAR. Għat-tibjid tal-ħitan mhux lixxi, bħal ta' l-irziezet. Il-ġummar marbut bis-sogħda.

7.1 *Il-kbira.* Għax-xogħol fil-kobor.

7.2 *Iż-żgħira.* Għax-xogħol żgħir.

8. IL-ĠEBBIDIET. L-għodda biex il-bajjad ikompli bix-xogħol.

8.1 *Il-ġebbieda tal-ħalib.* Magħmula mill-injam u l-lastiku. Tintuża biex jinġideb il-ħalib li tkun tħalleb il-madum bih, kemm ta' l-art kif ukoll tal-ħajt.

8.2 *Il-ġebbieda tal-katusi.* Tintuża biex jinġibed it-tajn fil-katusi waqt it-tqegħid tal-katusi.

9. **IL-MAZZA**. Magħmula mill-ħadid u l-manku ta' l-injam. Biha l-bajjad jagħti fuq l-iskriepel u l-iżgorbji.

10. **L-ISKRIEPEL**. Magħmula mill-azzar. Għat-titqib tat-toqob fil-ħitan. Skond il-ħxuna tal-ħajt jintuża d-daqs ta' l-iskarpell.

    10.1 u 10.2. *It-twal*. Jintużaw biex il-bajjad jinfed il-ħajt.

    10.3 u 10.4. *Il-mezzanin*. Jintużaw biex il-bajjad itaqqab il-ħajt imma mhux li jinfdu.

    10.4 u 10.6. *Iż-żgħar*. Għax-xogħol irqiq u ħafif.

11. **L-IŻGORBJA TAD-DAQQA**. Magħmula mill-azzar u l-manku tal-ħadid mimli bl-injam biex ikun jiflaħ għad-daqqiet tal-mazza. Tintuża għat-toqob fil-ħajt waqt li jkunu qed jgħaddu l-katusi mal-ħajt.

12. **IR-RAXKETTI TAL-ĠEBEL TAL-FRANKA**. Magħmula mill-injam iebes, bħall-fagu jew il-fraxxnu, u mill-biċċiet tas-segi. Jintużaw biex il-bajjad jillixxa l-ġebel wara li jkun intaġar jew għall-invjar.

    12.1 *Il-kbira*. Għall-invjar fil-kobor.

    12.2 *Iż-żgħira*. Għall-invjar fiċ-ċokon.

13. **IL-PONTAPULIER** jew **IL-BARRAXA**. Biċċa azzar li tintuża wara l-brix jew l-invjar bir-raxketta biex il-bajjad jillixxa x-xogħol u jiġih unit.

14. **IL-BAQQUN**. Ir-ras ta' l-azzar u l-manku ta' l-injam tal-fraxxnu jew tal-fagu. Jintuża għal bosta raġunijiet, l-aktar għall-qtugħ tal-blat jew għat-tbaqqin tal-ħitan fejn ikun se jitqiegħed il-madum tal-ħajt.

15. **L-IMTERQA**. Magħmula mill-azzar u bil-marloċċ tal-fagu jew tal-fraxxnu mwaħħal fil-bejta tagħha. Fuq wara l-imterqa għandha l-kanal biex tiżmarra l-ġebel u x-xafra biex tonġor. Il-marloċċ fih il-vajrola fit-tarf tal-mank biex tissoda il-marloċċ jekk jiċċaqlaq xi ftit mill-bejta.

16. **IL-MANNARETT**. Magħmul mill-azzar u bil-marloċċ tal-fagu jew tal-fraxxnu mwaħħal fil-bejta tiegħu. Fih ix-xafra u d-difer: ix-xafra biex wieħed jonġor u jirpara xi ħitan li ma jkunux sew; id-difer biex jirpara bih f'postijiet żgħar u kultant jintuża flok il-baqqun.

17. **IL-FIES**. Magħmul mill-azzar u bil-marloċċ tal-fagu jew tal-fraxxnu mwaħħal fil-bejta tiegħu. Jintuża għat-tħaffir tat-trinek fit-turbazz u biex jitħaffru l-kanali għat-tqegħid tal-katusi tad-dranaġġ, ta' l-ilma u jista' jkun ukoll għall-pedamenti.

18. **IR-RAXKETTA** jew **IL-MOXT**. L-għodda magħmula mill-azzar u bil-marloċċ tal-fagu jew tal-fraxxnu mwaħħal fil-bejta. Bis-snien tagħha tiġbed il-ġebel żgħir, twitti l-art qabel it-tqegħid tal-madum, jew għat-twittija tal-bjut qabel ma jingħata d-deffun.

19. **IR-RIEGLA ĊOMB**. Magħmula minn injama iebsa, bil-piż tal-bronż imdendel bl-ispaga f'nofs l-injama. Tintuża biex ix-xogħol jitla' dritt.

20. **IL-PONT u L-WIDNEJN** jew **L-GĦOQIEDI TAL-PONT.**

20.1 *Il-pont.* Magħmul minn fallakka jew tavluna ta' l-injam ta' l-abjad, bil-vajlori fl-irjus biex ma jiskaldax, bis-saqajn jew bl-ilqugħ imwaħħal mal-fallakka biex jilqa' mill-ħajt.

20.2 *Il-widnejn.* Il-pont jistrieħ fuq il-widnejn, magħmula mill-ħabel u żewġ radanċi u marbutin mas-saqajn.

## IL-BALLATA

1. **IL-MARŻEBBA.** Magħmula mir-ras u l-manku ta' l-injam iebes tal-fraxxnu jew tal-fagu. Tintuża għat-tballit tal-bjut.

2. **IL-BANKETTA.** Magħmula mill-injam ta' l-abjad. Il-ballata toqgħod bilqiegħda fuqha hija u għaddejja bix-xogħol. Ikollha qies żgħir biex tinġarr fil-basket għall-kumdità.

3. **IL-KAZZOLA.** Magħmul minn biċċa azzar u mill-manku ta' l-injam. Tintuża għall-mogħdija tal-bjut wara li jkun tlesta t-tballit.

4. **L-IXKORA BID-DEFFUN.** Mudell. Fiha jkun hemm il-bċejjeċ tal-fuħħar imkisser biex jitferrex u jsir il-bejt.

# IL-KURDAR

1. **IR-RADDIENA.** Mudell. Magħmula mill-injam u tintuża għall-brim tal-ħbula.

   1.1 *Il-banka.* Il-bażi.

   1.2 *Il-kurli.* L-irkiekel tal-bronż biex magħhom jintrabat il-materjal tal-ħabel.

   1.3 *L-istandlor.* Is-salib li fuqhom imwaħħlin il-kurli.

   1.4 *Il-posta.* Fejn jidħol l-istandlor.

   1.5 *Il-karga.* Il-piż biex l-istandlor ma jitlax 'il fuq.

   1.6 *Il-ħajt.* Idawwar il-kurli.

   1.8 *L-alzapopp.* Il-ħabel iżomm lill-istandlor biex waqt il-brim ma jinġibidx 'il quddiem.

   1.8 *L-imradd.* Il-manku li jdawwar ir-raddiena.

2. **IL-GRABJA.** Injama iebsa ttundjata, tagħti għat-tul forma ta' lenbut. Ikollha tliet kanali jew erbgħa għat-tul biex waqt il-brim tal-ħabel il-kurduni jgħaddu minn ġo fihom. Il-qisien tal-kanali u tal-grabja jvarjaw skond il-ħxuna tal-ħabel.

3. **IL-KAVALLETTI.** Strippi.

4. IL-KAVILJI. Ħamest izkuk imdaqqsin li jidħlu fin-naħa ta' fuq fil-kavalletti.

5. IL-FRIERET. Il-farrett magħmul mill-ħadid jew mill-bronż. Jintuża waqt il-brim tal-ħabel.

6. **L-IMKEBBA.** Struttura ta' l-injam b'erba' njamiet tawwalin, salib fuq u salib isfel. Tista' titwaħħal ma' l-art jew fuq xi bażi barranija tqila biex iżżomm sod. Tħoll il-ġażra, bħal merilla, biex jitkebbeb il-materjal tal-ħabel.

7. L-IMĦALLA. Ta' l-injam, forma tawwalija bil-manku u b'żewġ puntali żgħar fejn jitkebbeb il-ħabel. Tintuża biex xi bċejjeċ minn ħabel twil jitkebbu f'mazez żgħar.

8. **IL-MUNURELL.** Żewġt islaleb ta' l-injam, wieħed fiss u l-ieħor jimxi biex jitvarjaw il-qisien tal-mazz tal-ħabel. Idur fuq fus tal-ħadid għat-tkebbib tal-ħabel.

9. **IL-PASSETTA.** Żewġ tondjaturi ta' l-injam b'maqbad bejniethom biex jinbarmu l-kurduni li jkunu aktar minn erbat iħbula.

# IL-BIEDJA

## IL-QIEGĦA

1. **IL-MIDRA**. Magħmula mill-injam iebes tal-fraxxnu jew tal-fagu. Fiha tlitt iswaba' u l-marloċċ invitat. Tintuża biex il-bdiewa jderru.
2. **IL-LUĦ**. Il-pala. Magħmula minn injama iebsa waħda tal-fraxxnu jew tal-fagu. Il-wiċċ fond ċentimetru u nofs. Tintuża biex il-bdiewa jderru.

## L-IMĦARET - MUDELLI

Hawn il-moħriet il-kbir (medda ta' xi 120 ċm) u l-moħriet iż-żgħir (medda ta' xi 90 ċm). Il-moħriet Malti magħmul mill-injam iebes, għalkemm parti minnu, is-sehem, minħabba l-forma tiegħu, ikun magħmul minn xi zokk ta' siġra magħżul bit-tagħwiġa lesta.

1. IL-BEJTA. L-injama mimduda li fuqha jżomm il-moħriet kollu.
2. IS-SEHEM. Il-biċċa (taz-zokk ta' siġra) ingastata fil-bejta miżmuma mis-sejf.
3. **IS-SIKKA.** Il-ħadida li tgħaddi fil-ħamrija biex tagħmel ir-radda.
4. **IS-SEJF.** Il-ħadida li żżomm is-sehem mal-bejta.
5. **ID-DRIEGĦ.** L-injama l-wieqfa fuq wara biex tidderieġi l-moħriet.
6. **IL-KATUĦA.** L-injama l-mimduda tas-salib tad-driegħ biex tidderieġi l-moħriet u tagħfas 'l isfel jekk il-bidwi jkun irid radda fonda, jew 'il fuq jekk ir-radda trid tkun qasira jew baxxa.
7. **IL-LEĦJA TAL-KATUĦA.** Tarf il-katuħa biex trażżan il-bhima hija u taħrat.
8. **IL-PADRUNA** jew **IT-TMUNIERA** jew **IL-KONTRA.**
9. IL-VAJLORI. Tal-ħadid fi truf il-bejta u f'tarf is-sehem biex l-injam ma jixpakkax.
10. **IL-ĦOLOQ.** F'tarfejn il-padruna biex il-moħriet jinġibed mill-bhima.
11. L-GĦATLA. Biċċa njama bix-xifer b'xafra tal-ħadid biex tnaddaf il-moħriet meta l-ħamrija tkun imtajna. Fit-tarf l-ieħor għandha biċċa qafla biex tintuża kultant bħala frosta.

GHODOD OHRA

1. IL-LEXXUNA TAL-KEMMUN. Il-lexxuna ta' l-azzar u l-marloċċ tal-fagu jew tal-fraxxnu. Tintuża biex jonqxu jew bhal jagħżqu l-kemmun.
2. IL-ĠELEM. Imqass ta' l-azzar b'dirgħajh u bix-xfafar kbar. Jintuża għat-tqarwiż tas-suf tan-nghaġ.

IS-SAJD

1. IL-BARDGHA. Mudell. Ġebla tal-franka, imdawra bi tmien injamiet ta' l-abjad marbuta magħha bil-lenza u li tinġibed b'ħabel twil skond il-fond. Tintuża mis-sajjied biex tfittex il-konz li jkun inqatagħlu u weħillu mal-qiegħ.
2. IL-MAZZUGA. Injama iebsa waħda, tonda n-naħa tar-ras u bil-magħbad fuq wara. Tintuża biex toqtol il-ħut pistin jew tal-qiegħ.
3. IL-PORĊELLAT. Ċirku tal-ġebel tal-franka, b'dijametru ta' 40 ċm fuq barra u 30 ċm fuq ġewwa. Jintuża biex jeħles il-konz li jkun weħel mal-qiegħ.
4. IL-LAMPA TAD-DUĦĦAN. Fiha lenbut rasu 'l isfel, b'żennuna mwaħħla n-naħa l-wiesgħa n-naħa t'isfel. Fiż-żennuna hemm ftila biex tinxtegħel bil-pitrolju. Tintuża bħala sinjal bil-lejl fejn ikun hemm l-irkaptu jew l-inġenji tas-sajd, bħall-kannizzati tal-lampuki.
5. IL-BRAZZOLI. Kull brazzol fih sunnara mdaqqsa marbuta b'ħarira jew korda jew najlon. Għamliet hawn skond il-ħuta li tkun. Ngħidu aħna,
   - 5.1 IL-BRAZZOL TAL-PIXXISPAD. Is-snanar ikunu iżgħar.
   - 5.2 IL-BRAZZOL TAT-TONN. Is-snanar ftit akbar minn tal-pixxispad.
   - 5.3 IL-BRAZZOL TA' L-IRMIĠĠIJIET. Is-snanar ikunu ikbar, marbuta bil-wajer biex ikun hemm saħħa aktar billi jrid jinqabad il-ħut kbir.
6. IL-KOPPINI TAL-GAMBLI. Il-koppin fih ċirku ta' xi 30 ċm b'xibka spissa li jkollha toqob irqaq, bi tliet biċċiet lenza marbuta minn fuq flimkien biex iżommuh ibbilanċjat, b'lenza itwal skond il-

fond biex tinġibed u li titkebbeb fuq sufra. Jintuża għall-qbid tal-gambli.

7. **IL-QALLIEGĦA.** Injama rqiqa, iebsa u tawwilja, daqs 35/45 ċm., b'xaqq ta' 3 ċm tul fuq quddiem. Tintuża għall-mazzol u ħut ieħor bis-snien, bħad-denċi, biex taqla' s-sunnara minn ħalq il-ħuta meta tkun belgħetha.

8. **IX-XOLFA jew IL-VLONTINI.** Ix-xlief fih biċċa sufra rettangolari, b'ħarira mkebba fuqha, hoxna skond il-ħuta, bis-sunnara, u ċ-ċomba bħala piż. Għall-kavalli s-sajjied jista' juża aktar minn sunnara waħda fl-istess ħin. Hawn għamliet differenti skond il-ħut.

   8.1 **IX-XLIEF TAL-KAVALLI.** Il-ħarira ġeneralment tkun ħamra, u b'żewġt isnanar. Jintuża bil-lejl taħt id-dawl tal-lampa.

   8.2 **IX-XLIEF TAL-FANFRI.** B'sunnara waħda, b'ċomba iżgħar minn tal-kavalli. Jintuża maċ-ċimi jew il-kannizzati tal-lampuki.

   8.3 **IX-XLIEF TAL-VOPI.** Il-ħarira tkun twila, b'sufra akbar minn tal-kavalli. Jista' jkollu minn għoxrin sa erbgħin sunnara mqiegħda qama qama wara xulxin, biċ-ċomba kbira ma' tarf il-ħarira.

   8.4 **IX-XLIEF TAL-QIEGĦ.** Is-sufra tkun kbira daqs tal-vopi. Il-ħarira twila daqs 80 qama u ftit eħxen minn tax-xolfa l-oħra. Jista' jkollu minn tlitt isnanar sa sitta, b'ċomba kbira fit-tarf.

9. IL-KURPARA jew IL-HLIEL TAL-QARNIT. Sufra mdaqqsa, b'lenza twila xi 30 qama u l-kurpara magħmula minn ċomba miżbugħa bajda, b'erbat isnanar imdaħħlin fiha. Maċ-ċomba ġieli tintrabat biċċa ċarruta bajda biex jitħajjar il-qarnit u jiġi jmiss.

10. **IL-KRAPAR TAL-KLAMARI**. Il-kurpara jkollha ċ-ċomba, b'ras tal-labar tar-ram biex ma jsaddux, miżmumin l-istess distanza minn xulxin. Mal-kurpara jkun hemm is-sufra mdaqqsa, b'ħarira li ma tkunx ħoxna ħafna, twila xi 50 qama.

Hawn tipi differenti, iżda l-aktar magħrufa huma:

10.1 **IL-KURPARA TAĊ-ĊOMB**. Għall-ittranjar jew is-sajd tal-klamari fil-fond. Il-kurpara tradizzjonali bdew isiru b'żewġt irjus hawn Malta għall-ewwel darba minn Frans Farrugia xi 25 sena ilu.

10.2 **IL-KURPARA TA' L-INJAM**. Flok iċ-ċomb ikun hemm l-injama u t-tul kważi d-doppju tal-kurpara taċ-ċomb. Magħha tintrabat sawrella jew vopa bħala lixka.

10.3 **IL-KURPARA TAN-NIKIL**. Tintuża l-aktar għax tleqq u tħajjar aktar il-klamari.

11. **IL-FOXXNI**. Il-foxxna magħmula mir-ram aħmar jew mill-bronż, b'ħadidiet twal, qishom sjuf, magħrufa bħala labardi, kull waħda bil-ħadid imqabbeż magħha, magħruf bħala garġi. Tintuża għall-qbid ta' ħut differenti, bħal tal-qarnit, tas-siċċ, ta' l-iskorfon, ta' l-imrejjen, tal-gringijiet u tal-frajjel (qarnit bi swaba' twal u kulur aktar ħamrani mill-qarnit tas-soltu). Tintuża bil-lampa.

12. **IL-GAFFA TAR-RIZZI**. Ħadida tawwalija, b'fommha tond, b'żewġ ponot fuq quddiem, u mwaħħla f'lasta ta' l-injam. Tintuża biex ħdak li jkun jaqla' r-rizzi bla ma jogħdos għalihom. Mal-lasta jkollha wkoll biċċa ħadida oħra b'sunnara ssaldjata magħha biex tintuża għall-qbid tal-qarnit.

13. **IR-RIXA.** Xlief skond il-ħuta. Ir-rixa magħmula minn sitt rixiet u f'nofshom ikun hemm sunnara li l-qies ivarja skond is-sajd li jkun. Is-sitt rixiet jintrabtu mas-sunnara b'ħajt tar-rukkell u b'kuluri differenti skond il-gost. Ix-xlief jitkebbeb mas-sufra, biċ-ċomb skond il-ħut ukoll, b'ħarira għall-ġbid. Fuq xlief wieħed jista' jkun hemm sa erbgħin rixa. Hawn għamliet differenti:

13.1 **IR-RIXA TAL-KAĦLI.** Rixa waħda, b'ħarira rqiqa, farrett żgħir, ċomba żgħira.

13.2 IR-RIXA TAT-TUMBRELL. Għoxrin rixa, b'ħarira ftit eħxen minn tal-kaħli, f'erba' frieret, b'żewġ ċombiet bil-piż differenti.

Hawn żewġ tipi:

13.2.1 *it-tradizzjonali* bir-rix tat-tajr,

13.2.2 *il-moderna* bir-rix tan-najlon.

13.3 **IR-RIXA TAL-LAMPUKI u TAT-TUNNAĠĠ.** B'rixa waħda sa tlieta, il-ħarira fil-bidu ta' l-istaġun tkun irqiqa, fl-aqwa ta' l-istaġun f'Ottubru u Novembru trid titħaxxen billi l-ħut ikun kiber. Farrett wieħed u bla ċomb.

Hawn żewġ tipi:

13.3.1 *it-tradizzjonali* bir-rix tat-tajr,

13.3.2 *il-moderna* bir-rix tan-najlon jew sintetiku.

13.4 IR-RIXA TAL-KUBRIT u TAL-PLAMTI. Bħal tal-lampuki, b'ħarira irqaq u ġieli flok ir-rix tintuża xi biċċa klamar jew siċċa magħrufa bħala l-liska.

14. IS-SUFRI jew IL-FOROK TAL-KAĦLI. Fil-biċċa l-kbira s-sufra tkun 8 ċm kwadra, 2 ċm ħoxna. Miżbugħa bajda biex tidher fil-baħar. Ikollha żewġt isnanar marbuta magħha bil-ħarira.

Hawn x'aktarx erba' tipi:

14.1 **IS-SUFRA TAS-SINJAL.** Fuqha jkollha biċċa sufra għolja biex isservi bħala sinjal biex tidher aktar u s-sajjied ikun jaf minn fejn safejn kala s-sufri.

14.2 **IS-SUFRA L-KWADRA.** Biex tkala bejn is-sinjali.

14.3 **IS-SUFRA T-TONDA.** Anqas tinħakem mill-kurrent.

14.4 **IS-SUFRA TAL-QASAB.** Kannol ta' qasba, 14-il ċm tul, u ħoxna 2ċm/3ċm. Il-ħarira tkun imdaħħla fil-qasba u t-toqbiet tat-tarf misduda b'tapp tas-sufra. Fit-truf hemm sunnara kull darba.

Meta jidħol iż-żmien u l-kaħli jibda jsir makakk biex ma jinqabadx u jkun dara s-sufri l-bojod, jew *isir falz* jew *jiflaz*, tintuża din is-sufra għax ma jkunx imdorri biha.

15. **IŻ-ŻUBRUNI** jew **IS-SINJALI.** Hawn żewġ tipi:

15.1 **IŻ-ŻUBRUNI L-ANTIKI.** Iż-żubrun fih qasba twila, bandiera, sufra, ġebla jew ċomb fit-tarf marbut mal-qasba, u lenza biex dak li jkun jorbot ma' l-inġenji jew l-irkaptu. Jintuża bħala sinjali biex is-sajjied ikun jaf fejn ikunu kala. Il-kulur tal-bandiera jista' jkun:

15.1.1.1 *is-sewda*, biex iż-żubrun jidher f'baħar imqalleb bil-mewġ abjad;

15.1.1.2 *il-bajda*, tradizzjonalment kienet tintuża bħas-sewda, imma meta jkun baħar kalm – kienet tintuża l-aktar mal-kannizzati tal-lampuki;

15.1.1.3 *il-ħamra*, biex turi l-periklu li jista' jkun hemm minħabba li żdiedu l-vapuri u l-bċejjeċ l-oħra tal-baħar fi żmienna.

15.2 **IŻ-ŻUBRUNI L-MODERNI**. Il-modern magħmul minn pajp ta' l-aluminju u għandu bħal ballun tal-metall, biex, bis-saħħa tal-makkinarju elettroniku, bħar-radar, ikun jista' jinqabad u s-sajjied ikun jaf fejn ikunu qegħdin il-konzijiet.

16. **IL-LABAR TAX-XIBKA**. Magħmula mill-injam, mir-ram, mill-aluminju, jew tal-materjal sintetiku. Jintużaw biex dak li jkun jaħdem jew *jgħaqqad l-għażel* jew ix-xibka u jsewwiha.

16.1 **IL-LABRA GĦAMJA**. Fuq quddiem bil-ponta bl-ilsien minn ġewwa, fuq wara mdaħħla 'l ġewwa. Tintuża għat-tiswija tax-xibka bil-lejl biex ma teħilx fil-malji.

16.2 **IL-LABRA TAL-MALJA SPISSA**. Twila b'għajnejha żgħar ħafna. Tintuża biex wieħed jgħaqqad jew isewwi l-koppini tal-gambli jew xi xibka tal-gamgmu.

16.3 – 16.5 **IL-LABAR TAL-MALJI INQAS SPISSI**. Hawn it-twal, il-qosra u ta' l-injam daqsxejn kbar. Ikunu b'żewġ għajnejn, waħda kull tarf. Dawn l-aktar labar goffi li jintużaw biex jarmaw *is-sardun, il-bnadi* u *l-ispalel* fix-xibka tal-lampuki. Oħrajn ivarjaw fil-qies u jintużaw fl-armar u fit-tiswija tax-xibka. Għall-armar ikun hemm labra twila biex tesa' ħajt aktar; għat-tiswija l-labra tkun iqsar għax ma jkunx hemm bżonn ħajt wisq.

17. **IL-QAJJIESA TAX-XIBER**. Injama twila xi 53 ċm biex jitkejjel bix-xbar it-tul tal-kajjikki u l-luzzijiet.

18. **IL-KANNIZZATI** jew **IĊ-ĊIMI TAL-LAMPUKI**. Xkora ordinarja tan-najlon jew tal-ġablow jew tas-sufra, bil-ħbula tan-najlon, bil-frieret, bil-weraq tal-palm u ċangun. Il-ġablow jew is-sufra tkun imdaħħla fl-ixkora, l-ixkora tkun meħjuta bil-labra u l-ħajt u mdawra b'biċċa ħabel biex magħha wieħed ikun jista' jorbot biċċa ħabel oħra

biex jintrabat il-weraq tal-palm. Ma' dan il-ħabel jintrabat ħabel ieħor li jkun twil skond il-fond biex jintrabat maċ-ċangun li jinżel f'qiegħ il-baħar ħalli tkun sorġuta/ankrata l-kannizzata/ċ-ċima.

19. **IL-GANĊ TAL-BEBBUX.** Biċċa ħadida tonda, ħoxna xi 4 mm, u twila xi 50 ċm. Fit-tarf għandha bħal xifer ċatt u t-tarf l-ieħor forma ta' ganċ. Jintuża għall-bebbux li jkun fi xquq fondi fil-blat, biex l-ewwel jinqala' b'xifer il-ħadida u wara bil-ganċ jinġibed 'il barra mix-xquq.

20. **L-IMREJKBA.** Fiha erba' biċċiet qasba, biċċtejn sufra li waħda minnhom għandha għamla ta' trijangolu u ħoxna żewġ ċentimetri u l-oħra 3ċm x 3ċm x 6ċm, arblu zgħir ta' l-injam, biċċa drapp 20 ċm x 20 ċm għal qlugħ żgħir, seba' biċċiet injam maħdumin qishom imsiemer b'ras kbira, u xi biċċiet spag biex tarma u tiżżarma l-imrejkba fi ftit minuti u b'hekk ma tkunx goffa waqt il-ġarr. Tintuża għas-sajd mill-art biex magħha jintrabat konz tal-qiegħ jew tal-wiċċ u b'żiffa riħ minn fuq l-art l-imrejkba tkun tista' toħroġ 'il barra u l-konz joħroġ magħha wkoll u wieħed ikun jista' jistad 'il barra mix-xatt.

21. **IL-BORŻA TAL-GAMBLI.** Borża żgħira tad-drapp tal-kutri biex il-gamblu jżomm sħun u ma jmutx bil-kesħa.

## L-ISTRUMENTI MUŻIKALI

1. **IŻ-ŻAVŻAVA**. Strument li jakkumpanja strumenti oħra, bħall-kitarra u ż-żaqq. Patalott jew reċipjent tawwali tal-fuħħar miksi mill-ġild, bħal ta' gidi jew ta' mogħża, b'qasba mdaħħla f'seffud ta' l-injam marbut mal-ġild. Idoqq billi d-daqqaq ixarrab idu u joqgħod jgħolli u jniżżel idu mal-qasba biex tivvibra l-ġilda.
2. **IT-TANBUR**. Strument li llum qed jintuża biex jakkumpanja strumenti oħra, imma fl-antik kien akkumpanjat hu minn strumenti oħra. Magħmul mid-deff jew iċ-ċirku ta' l-injam, mill-ġild ta' mogħża jew ta' bodbod, imlibbes fuq iċ-ċirku, b'ħames pari plattini mdawrin maċ-ċirku biex iġenġlu. Jista' jkun żgħir jew kbir u jew magħmul kollu mill-pjanċi mingħajr il-ġild.
3. **IŻ-ŻAQQ**. Strument li f'Malta sa ftit taż-żmien ilu kien jindaqq l-aktar fil-karnival u l-Milied. Magħmul mill-ġild sħiħ ta' għoġol mhux imwieled jew minn ta' xi annimal ieħor. Fih bosta partijiet:

   3.1 il-ġild

   3.2 is-saqqafa, magħmula mill-qasab:

   3.2.1 il-qrajna

   3.2.2 l-imserka

   3.2.3 il-bdiebet

   3.2.4 żewġt iqwiemi:

   - 3.2.4.1 il-qima dewwiema, b'rifsa (toqba) waħda,
   - 3.2.4.2 il-qima tal-leħen, b'ħames rifsiet (toqbiet)

   3.2.5 il-qxejra

   3.2.6 il-bejjiena
4. **IŻ-ŻMAMAR**. Jistgħu jindaqqu weħidhom. Hawn żewġ għamliet:

4.1 **IŻ-ŻUMMARA L-KBIRA**. Tista' tkun magħmula mill-qasab biss jew mill-qasab u l-qrajna. Il-qasba fiha ħames rifsiet.

4.2 **IŻ-ŻUMMARA Ż-ŻGĦIRA**. Magħmula minn kannol ta' qasba, b'toqba waħda u fuq quddiem magħluqa b'kartastrazza marbuta magħha.

5. **IL-FLEJGUTA**. Magħmula minn kannol ta' qasba. Fiha sitt rifsiet.
6. **IL-BEDBUT**. Qasba rqiqa u żgħira b'ħitanha rqaq, bi lsien maqtugħ fuq quddiem biex tivvibra meta tiddaħħal fil-fomm.
7. **IĊ-ĊUQLAJTA TA' L-IDEJN**. Magħmula mill-injam ta' l-abjad u fiha l-parti s-soda u bħal żewġ paletti marbuta bi spaga biex jaħbtu magħha bit-tixjira ta' l-id. Hawn żewġ għamliet, kull waħda b'ton għaliha.
8. **IL-BIJAMBÒ**. Magħmul mill-azzar. Għamla ta' flixkun b'żaqqu kbira, bl-ilsien ta' l-azzar li jivvibra bis-seba' l-kbir ta' l-id il-leminija għal min ikun lemini. Hawn daqsijiet differenti, skond it-ton. Kien jindaqq l-aktar mit-taħħana waqt il-mistrieħ. It-ton ivarja skond in-nifs 'il ġewwa u 'l barra.
9. **IL-GRILLINU**. Strument ġdid Malti vvintat minn Frans Farrugia ta' Ħal Għaxaq. Nofs kannol ta' qasba, b'qasba twila d-daqs tagħha, marbuta bi spaga ssikkata min-naħa ta' wara biex tkun tista' tfaqqa' fuq il-biċċa qasba mimduda u mdaħħla minn naħa għal oħra n-naħa ta' fuq.
10. **IŻ-ŻAVOLIN**. Strument ġdid Malti vvintat minn Frans Farrugia ta' Ħal Għaxaq u li ndaqq fl-Imnarja ta' l-2001. Fiħ żewġ partijiet magħmulin mill-injam iebes, bħall-fagu jew ir-ruvlu. Il-lasta fin-naħa ta' fuq għandha 150 tapp tal-luminata msammrin magħha u tinżamm

fl-id ix-xellugija, u njama mimduda, ippizzjata bħal fdewxa, u li tingħorok mal-lasta biex toħloq il-vibrazzjoni tat-tappini.

## OHRAJN

1. **IL-QAFAS TAL-WERŻIEQ.** Biċċtejn injama kwadri 8 ċm x 8 mm ħxuna bi spazju bejniethom ta xi 8 ċm. Il-qafas magħmul forma tonda, b'xi 50 biċċa vertikali tal-wajer ħoxnin xi millimetru. Biċċa waħda mill-wajer għandha forma ta' kwadru biex tkun tista' tinqabad u tittella' 'l fuq u dak li jkun ikun jista' jdaħħal idu fil-qafas. Fin-nofs hemm ħolqa mnejn jiddendel il-qafas.

2. **IL-KURUNA TAR-RUŻARJU.** Ħafna akbar mid-daqs tas-soltu. Magħmula mil-lewż.

## BIBLJOGRAFIJA


Attard, Anton F. "Ix-Xogħol tal-Palm," *L-Imnara*, Guido Lanfranco, ed., Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 3/2, 3/3, 1989, 64-66.

Badger, George Percy. Description of Malta and Gozo. Malta: M. Weiss, 1838.

Bigelow, A. Travels in Malta and Sicily with Sketches of Gibraltar in 1827. Boston, 1831.

Borg, Paul P. Snajja' u Xogħol il-Maltin. Ġorġ Mifsud-Chircop, ed. 2 vol. Malta, 2000, 2001.

Borg-Cardona, Anna. "The Maltese Bagpipe and Tambourine. 19th Century Iconography," *Treasures of Malta*, Malta, Fondazzjoni Patrimonju Malti, 1999, 5/3, 57-63.

------ "Ir-Rabbaba f'Għawdex Illum," *L-Imnara*, Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 20, 1996, 65-69.

------ "'Tal-Grixti,' a Family of *Żaqq* and *Tanbur* Musicians," *L-Imnara*, Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 21, 1997, 91-104.

------ "Doqq, Ja Bedbud, Doqq," *L-Imnara*, Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 6/3, 24, 2000, 92-100.

------ A Musical Legacy. Malta-Related Music Found in Foreign Libraries. Malta, 2002.

------ "Maltese Friction Drum," *Journal of the American Musical Instrument Society*, 28, 2002, 174-210.

Cachia, P. "A 19th Century Arab's Observations on European Music," *Ethnomusicology*, 17 1, 1973, 41-51.

Cassar-Pullicino, Ġużè/Joseph. Il-Folklore Malti. It-2ni ed. miżjuda. Malta, 1975.

----- Studi di tradizioni popolari maltesi. Malta, 1989.

----- Studies in Maltese Folklore. Malta, 1992.

Cassar-Pullicino, Joseph and Charles Camilleri. Maltese Oral Poetry and Folk Music. Malta, 1998.

Cassar-Pullicino, Joseph and Micheline Galley. "Maltese *Għana*: Some Remarks on the Progress of Invention," *Journal of Maltese Studies*, 6/1, 1996, 70-81.

Ciantar, Philip. Styles of Transcription in Ethnomusicology. University of Durham, M.A. thesis, 1996.

De Piro, Nicholas. The International Dictionary of Artists who Painted Malta, 1988. Akkwarella ta' Vincenzo Fenech.

Dougal, Angelo. "Daqqaqa taż-Żaqq u tat-Tanbur," *L-Imnara*, Guido Lanfranco, ed., Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 4/4, 1994, 88-90.

----- "Manwel Aquilina, Bennej tad-Dgħajjes," *L-Imnara*, Guido Lanfranco, ed., Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 6/2, 1999, 50.

Fsadni, Ranier. "The Modernity of Maltese *Għana*," *Sunday Times* [of Malta], 30.08.1992.

----- "The Wounding Song: Honour, Politics and Rhetoric in Maltese *Għana*," *Journal of Mediterranean Studies*, 3, 2, 1993, 335-353.

Galea, Ġużè. Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi. Malta, 1969.

Herndon, M.A. Singing and Politics. Maltese Folk Music and Musicians. Ph. D. thesis, USA, 1971.

Lanfranco, Guido. "Dwar iż-Żafżafa f'Ħal Għaxaq," *L-Imnara*, Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 20, 1996, 70-71.

------ "Dwar il-Ħobż f'Malta," *L-Imnara*, Malta, Għaqda Maltija tal-Folklor, 4/2, 1991, 29-32.

McLeod, Norma and Marcia Herndon. "The *Bormliża*. Maltese Folksong, Style and Women," *Journal of American Folklore*, January, 1975, 81-100.

Mifsud-Chircop, George. "*Għana*. Una tradizione maltese sempre viva," *Avidi Lumi*, Palermo, 3/6, 1999, 35-40.

------ "*Għana*. A Living Culture in Malta," *Proceedings of an International Conference on Middle Eastern Popular Culture*, Oxford: Magdalene College, 2000, 104-112.

------ "Musica folklorica maltese: *la Bormliża*," *Avidi Lumi*, Palermo, 4/11, 2001, 44-47

Partridge, J. K. and Fran Jeal. "The Maltese *Żaqq*," *Galpin Society Journal*, 30, 1977, 112-44.

Ragonesi, Anita. Maltese Folksong "Għana": A Bibliography and Resource Material, George Mifsud-Chircop, ed., Malta: University of Malta, 1999.

Sant-Cassia, Paul. "Bejn il-Folklor u l-Ħabi," ***L-Identità Kulturali Maltija,*** Toni Cortis, ed. Malta: Government Press, 1989, 152-166.

Vella, Joseph. "Gozo and its Music," *A Focus on Gozo*, Joseph Farrugia and Lino Briguglio, eds. Malta: University of Malta Gozo Centre, 1996, 172-182.

Zammit, Temi. Ħrejjef, Stejjer u Kitba Oħra. Ninu Cremona, ed. 3 vol. Malta, 1960-61.

